# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 121/2019/1 LM

**Avukat Dottor Victor George Scerri u Marthese Scerri Said**
*(l-appellanti)*

***vs.***

**Awtorità tal-Artijiet u ċ-Chairman tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, u b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2020 Josef Galea (K.I. 310782M) u Catherine Cauchi (K.I. 234981M) ġew awtorizzati jintervjenu**
***in statu et terminis***
*(l-appellati)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **l-Avukat Victor George Scerri u Marthese Scerri Said**, hawnhekk *"l-appellanti"*, minn deċiżjoni mogħtija mit-

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fis-17 ta' Frar, 2020 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi,

> "*... l-azzjoni odjerna ġiet intavolata tardivament u ċioe oltre l-għoxrin (20) ġurnata stipulati* ai termini *tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi tiddikjara r-rikors bħala irritu u null.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

**Fatti**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta mill-Awtorità intimata lir-rikorrenti fis-17 ta' Settembru, 2019, dawn ġew infurmati li l-offerta tagħhom għall-akkwist tas-sit indikat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2018_0398 fi Triq San Ġilardu, San Pawl il-Baħar, fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u għoxrin Euro (€32,620) kienet ġiet rifjutata mill-istess Awtorità, minkejja li kienet l-ogħla offerta mitfugħa, peress li kien hemm offerent ieħor li ngħata d-dritt tal-ewwel rifjut skont il-kundizzjonijiet tal-offerta. Ir-rikorrenti spjegaw li huma għandhom proprjetà biswit l-imsemmija art, kif ukoll sehem indiviż mill-partijiet komuni fil-blokka bl-isem 'Waterfront Place', fi Triq San Ġilardu, San Pawl il-Baħar, u filwaqt li l-offerta tagħhom għall-akkwist tas-sit inkwistjoni kienet ta' tnejn u tletin elf, u sitt mitt Euro (€32,600), dik tal-offerent li ngħata d-dritt tal-ewwel rifjut kienet ta' sittax-il elf Euro (€16,000). Fir-rikors tagħhom ir-rikorrenti sostnew li d-deċiżjoni li huma ma jingħatawx id-dritt tal-ewwel rifjut bħalma ngħata t-terz

kienet diskriminatorja, u f'dan il-każ l-Awtorità intimata ma messhiex aċċettat li tagħti d-dritt tal-ewwel rifjut, iżda kellha taċċetta l-ogħla offerta li saret, u ċjoé l-offerta tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti lmentaw għax fil-fehma tagħhom l-Awtorità użat diskrezzjoni abbużiva stante li mhux imsejsa fil-liġi, allegaw li saret diskriminazzjoni politika fil-konfront tagħhom, u sostnew li dan l-aġir huwa wieħed illegali u abbużiv peress li mhux imsejjes fuq raġunijiet stabbiliti fil-liġi. Ir-rikorrenti qalu wkoll li din id-deċiżjoni hija *ultra vires* u nulla skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563, u sostnew li bis-saħħa tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 490, it-talba għal reviżjoni ta' att amministrattiv għandha tiġi ppreżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att. Ir-rikorrenti qalu li huma saru jafu b'din id-deċiżjoni permezz ta' ittra mibgħuta lilhom mill-Awtorità intimata fis-17 ta' Settembru, 2019, u fit-23 ta' Settembru, 2019 huma bagħtu ittra uffiċjali lill-Awtorità intimata fejn talbuha tirrevoka d-deċiżjoni amministrattiva meħuda minnha.

## **Mertu**

3. Fit-talbiet tagħhom lit-Tribunal, ir-rikorrenti talbu li jiġi dikjarat li d-deċiżjoni amministrattiva dwar it-talba tar-rikorrenti għall-akkwist tas-sit fi Triq San Ġilardu, San Pawl il-Baħar, skont l-avviż numru 148 tad-19 ta' Lulju 2019, kif muri fuq il-pjanta P.D. 2018_0398, hija waħda abbużiva u illegali u għandha tiġi mwarrba, stante li tali rifjut mhux ibbażat fuq il-liġi u jammonta għal

eżerċizzju abbużiv tad-diskrezzjoni amministrattiva. Ir-rikorrenti qalu wkoll li t-Tribunal għandu jwarrab u jirrevoka d-deċiżjoni amministrattiva fejn ir-rikorrenti ġew infurmati li l-offerta tagħhom ġiet rifjutata minkejja li kienet l-ogħla waħda.

L-Awtorità intimata baqgħet kontumaċi fil-proċeduri quddiem it-Tribunal u ma ressqet ebda risposta.

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Jannar, 2020, it-Tribunal irrileva li r-rikors promutur ġie intavolat fl-4 ta' Diċembru, 2019, filwaqt li d-deċiżjoni amministrattiva li qiegħda tiġi impunjata mir-rikorrenti, ittieħdet fis-17 ta' Settembru, 2019. It-Tribunal irrileva li minkejja li r-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-Awtorità intimata fit-23 ta' Settembru, 2019, l-appell imressaq minnhom quddiem it-Tribunal ġie ppreżentat *fuori termine,* għaliex laħqu għaddew l-għoxrin ġurnata stabbiliti fil-liġi, min-notifika lilhom tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Frar, 2020, it-Tribunal iddeċieda li huwa kellu jedd jissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni dwar it-tardività*,* u dan in vista tal-fatt li r-rikorrenti naqsu li jressqu r-rikors tagħhom quddiemu fi żmien għoxrin jum minn meta ġew notifikati bid-deċiżjoni amministrattiva, u

konsegwentement iddikjara li r-rikors tar-rikorrenti huwa irritu u null, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-awtorità intimata datata 17 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha ġew infurmati illi l-offerta magħmula minnhom għall-bejgħ ta' sit fi Triq San Ġilardu, San Pawl il-Baħar kienet l-ogħla waħda. Madankollu ġew ukoll infurmati li l-Bord tal-Gvernaturi iddeċieda li jagħti d-dritt tal-ewwel rifjut lil offerent ieħor, u dan skont il-kundizzjonijiet tal-offerta, liema offerent aċċetta li jgħolli l-offerta tiegħu għall-prezz offert minnhom.*

*Illi mar-rikors promutur ġiet ippreżentata ittra uffiċjali datata 23 ta' Settembru 2019 mibgħuta mir-rikorrenti lill-intimati sabiex tħassar id-deċiżjoni appellata. Sussegwentement, fl-4 ta' Diċembru 2019, ġiet intavolata l-azzjoni odjerna.*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal kien tal-fehma illi jista' jagħti l-każ li l-appell odjern ġie intavolat oltre l-għoxrin ġurnata stipulati f'Artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta entro liema jrid jiġi intavolat appell minn min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni mill-Awtorità intimata.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal se jittratta s-sottomissjoni tar-rikorrenti illi dan it-Tribunal ma jistax jissolleva* ex officio *l-eċċezzjoni illi l-appell sar* fuori termine*.*

*It-Tribunal jirrileva illi t-terminu entro liema jrid jiġi intavolat appell hija kwistjoni ta' ordni pubbliku.*

*Kif ingħad fis-sentenza* ***Giuseppi Caruana vs Charles Psaila,*** *Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997:*

> "L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħu jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jeħtieġ li jiġu osservati u dan taħt piena ta' irritwalità u nullità tal-proċeduri li għandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirriżultaw lilha, tiġi wkoll sollevata mill-Qorti *ex officio* ... in-nullità tattakka l-att innifsu. Dak l-att fil-proċedura hu null u għandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura

jeħtiġilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarità tkun ġiet miġjuba a konoxxenza tagħha."

*Kwindi t-Tribunal ma jaqbel xejn mas-sottomissjoni tar-rikorrent illi l-Qorti, u f'dan il-każ it-Tribunal, ma jistax jissolleva t-tardività tal-appell* ex officio.

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jissolleva* ex officio *it-tardività tal-preżentata tal-appell tar-rikorrenti entro t-terminu ta' għoxrin (20) ġurnata minn meta ġew notifikati bid-deċiżjoni amministrattiva.*

*Imiss issa li t-Tribunal jgħaddi biex jeżamina s-sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti dwar għaliex, skont huma, l-appell odjern ma ġiex intavolat tardivament.*

*Ir-rikorrenti jsostnu illi skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, kellhom żmien sitt xhur minn meta ġew notifikati bid-deċiżjoni amministrattiva impunjata sabiex jintavolaw azzjoni quddiem dan it-Tribunal. Illi ai fini ta' kjarezza dan it-Tribunal se jiċċita l-istess Artikolu li jgħid is-segwenti:-*

"7(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u **fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**, talba biex jiġu riveduta atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi ppreżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."

*Illi l-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet) huwa liġi speċjali fejn artikolu 57(1) tal-istess liġi jistipula illi:*

"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:

(a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:

> Iżda t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma għandu bl-ebda mod ikun kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet:
>
> Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."

*Illi l-mertu ta' dan l-appell huwa fil-fatt oġġezzjoni minn deċiżjoni tal-Awtorità intimata. U kwindi japplika l-artikolu appena ċċitat, li jfisser illi r-rikorrenti kellhom għoxrin ġurnata żmien minn meta rċevew id-deċiżjoni tal-Awtorità biex iressqu l-appell odjern.*

*Illi mill-ittra uffiċjali esebita mir-rikorrenti jirriżulta illi din hija datata* ***23 ta' Settembru 2019****. Kwindi, ċertament, ir-rikorrenti rċevew id-deċiżjoni appellata jew dakinhar jew qabel. Imma anke jekk għall-grazzja tal-argument irċevew id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata fit-23 ta' Settembru 2019, huma kellhom għoxrin (20) jum biex jintavolaw appell minnha. Mill-atti jirriżulta illi l-oġġezzjoni tagħhom ġiet intavolata quddiem dan it-Tribunal fl-****4 ta' Diċembru 2019****, u kwindi oltre l-għoxrin (20) ġurnata stipulati bil-liġi.*

*Illi dan it-Tribunal ma jaqbel xejn mal-argument imressaq mid-difensur tar-rikorrenti illi huma kellhom żmien sitt (6) xhur biex iressqu l-azzjoni odjerna u imbagħad f'każ ta' eżitu sfavorevoli kellhom għoxrin (20) ġurnata biex jerġgħu jappellaw. Illi t-terminu ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 490 ġie introdott bħala* "safety valve" *għal dawk l-azzjonijiet fejn il-liġi ma tistipulax entro liema terminu jridu jiġu mressqa. F'dan il-każ, it-terminu huwa ben stipulat u m'hemm l-ebda lok għal xi interpretazzjoni oħra.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jiddikjara illi r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni odjerna* fuori termine.

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-eċċezzjoni sollevata minnu stess u jiddikjara illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata tardivament u ċioe oltre l-għoxrin (20) ġurnata stipulati* ai termini *tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi tiddikjara r-rikors bħala irritu u null.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-appell tagħhom fl-24 ta' Frar, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha takkolji dan l-appell u tħassar, tannulla u tirrevoka l-istess sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ta' nhar is-17 ta' Frar 2020 u terġa' tibgħat l-atti lura quddiem l-istess Tribunal sabiex jissokta bis-smigħ tal-kawża."*

6. L-appellanti jgħidu li huma jħossuhom aggravati bid-deċiżjoni appellata għaliex: (i) it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma seta' qatt jirrileva *ex officio* illi l-appell ġie ppreżentat *fuori termine,* u dan għaliex l-artikolu 2111 tal-Kap. 16 jiddisponi illi, *"Il-Qorti ma tistax* ex officio *tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata"*; (ii) dak li ssolleva t-Tribunal kellu jiġi sollevat mill-Awtorità intimata u mhux mit-Tribunal *a sua sponte*; (iii) l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 jiddisponi, *"... iżda sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi ..."*; (iv) hawn si tratta ta' azzjoni preskrittiva li tista' tiġi sollevata biss mill-parti u mhux mit-Tribunal, u għalhekk fuq dan il-punt din is-sentenza għandha tiġi revokata u l-atti rimessi lit-Tribunal.

**Ir-risposta tal-appell**

7. Fir-risposta tal-appell tagħha l-Awtorità intimata tgħid li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien korrett meta *a sua sponte* ssolleva l-kwistjoni li r-rikors tal-appellanti quddiemu tressaq *fuori termine.* L-Awtorità intimata żiedet tgħid li t-terminu entro liema jrid jiġi intavolat appell hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, u f'deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna ngħad kemm-il darba li tali termini għandhom jiġu osservati rigorożament u ma jistgħux jiġu rinunzjati jew mibdula, lanqas bil-kunsens tal-partijiet. L-appellata żiedet tgħid li l-fatt li dawn it-termini ma jistgħux jiġu rinunzjati jew mibdula lanqas bil-kunsens tal-partijiet, ifisser li l-Qrati u t-Tribunali għandhom id-dritt residwu li jqajmu tali eċċezzjonijiet huma stess. L-appellata qalet li l-artikolu 2111 tal-Kap. 16 ma japplikax għaċ-ċirkostanzi odjerni, għaliex dak l-artikolu tal-liġi japplika għall-preskrizzjoni akkwiżittiva u mhux għall-osservanza ta' termini perentorji. Qalet ukoll li t-terminu 'preskritt' użat fl-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 m'għandux jiġi mfisser bħallikieku qiegħed jirreferi għal xi tip ta' 'preskrizzjoni', u għalhekk dak li ntqal mill-appellanti fir-raba' aggravju mressaq minnhom mhuwiex korrett.

8. Fir-risposta tagħhom l-intervenuti fil-kawża spjegaw li filwaqt li l-Kap. 490, intitolat l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, ġie introdott fis-sistema legali tagħna fis-sena 2007, il-Kap. 563, l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, kien ippromulgat fis-sena 2016, u għalhekk ma jistax jintqal li t-termini imposti bl-artikolu 7(2) tal-Kap. 490, huma applikabbli għal liġi li ddaħħlet ħdax-il sena

wara. L-intervenuti fil-kawża żiedu jgħidu li l-proċedura hija kkunsidrata bħala materja ta' ordni pubbliku u ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas jekk ikun hemm il-kunsens tal-parti l-oħra għal dan il-għan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, u r-risposti tal-Awtorità appellatata u tal-intervenuti fil-kawża, fil-kuntest tad-deċiżjoni tat-Tribunal li rrileva *ex officio* li l-appell tal-appellanti ġie ppreżentat tardivament wara li kien għadda t-terminu prefiss bil-liġi.

*L-aggravju ewlieni:* *It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma setax jissolleva din l-eċċezzjoni* ex officio *abbażi tal-artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula illi,* "Il-Qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata"

9. L-avukat difensur tal-appellanti sostna li dan l-artikolu tal-liġi jaqa' taħt ir-regoli ġenerali tal-preskrizzjoni, u għalhekk japplika għall-każ odjern għaliex it-Tribunal minn jeddu ssolleva eċċezzjoni li l-liġi espressament tispeċifika li ma tistax tiġi sollevata *ex officio.* F'dan il-każ l-Awtorità appellata baqgħet kontumaċi, u qabel ma beda jinstema' l-każ fil-mertu, it-Tribunal għamel osservazzjoni fis-sens li ladarba d-deċiżjoni appellata ġiet komunikata lill-appellanti, tant hu hekk li dawn intavolaw ittra uffiċjali f'dan ir-rigward fit-23

ta' Settembru, 2019, fejn talbu lill-Awtorità appellata tirrevoka d-deċiżjoni amministrattiva meħuda minnha, huma kellhom perijodu perentorju ta' għoxrin ġurnata biex iressqu l-appell tagħhom quddiem it-Tribunal. Imma irriżulta li r-rikors tal-appellanti quddiem it-Tribunal ġie ppreżentat fl-4 ta' Diċembru, 2019, meta kienu laħqu għaddew l-għoxrin ġurnata stabbiliti bil-liġi speċjali, l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex azzjoni ta' din ix-xorta titressaq quddiem it-Tribunal.

11. Il-Qorti tirrileva illi d-dispożizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-preskrizzjoni taħt il-Kodiċi Ċivili, jirregolaw preskrizzjonijiet akkwiżittivi u estintivi ta' jeddijiet. Il-każ odjern huwa perijodu ta' dekadenza stabbilit bil-liġi, li b'differenza mir-regoli ta' preskrizzjoni ġenerali, mhux suġġett għar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni, u lanqas għal dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap. 16, b'tali mod li jekk min għandu jedd ta' azzjoni, jonqos milli jeżerċitah fit-terminu mogħti lilu bil-liġi, dan jitlef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli l-jedd tiegħu ta' azzjoni. Ladarba azzjoni bħal din ma tistax tiġi eżerċitata aktar jekk jgħaddi t-terminu stabbilit mil-liġi, il-Qorti tista' u għandha tirrileva dan *ex officio.* Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salina Wharf Marketing Limited *vs.* Malta Tourism Authority**[1]:

> "Innegabilment, it-termini għall-appell minn sentenzi, kemm taħt il-liġi ritwali ordinarja, kif ukoll taħt il-liġijiet speċjali, jiddekorru għal fatt materjali tat-trapass taż-żmien. Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, m'hemmx possiblità la

[1] App. Ċiv. Inf. 12.12.2007.

ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interruzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi previsti. Ad eżempju, fejn il-ġurnata tal-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta' Sibt jew Ħadd jew xi ġuranta festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġb b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvedimenti sanatarji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutli tagħhom ma jkunux imputabli lill-parti interessata. Dan għall-motiv illi dik l-improrogabbilità hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u wkoll, t'uniformità. Sewwa ħafna ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet speċjali oħra li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunal huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula." (**Giuseppina Caruana *vs* Charles Psaila** – Qorti tal-Appell (Komp. Inf.) 21.03.1997).

"Huwa evidenti illi t-terminu utli għal liema jirreferi l-Art. 14(9) tal-Att imsemmi ma ġiex f'dan il-każ rispettat *ad unguem,* u l-appell ikollu allura jitqies irrimedjabbilment irritwali. Huwa veru li ż-żmien ġie oltrepassat b'ġurnata imma, kif ukoll ritenut, "*of course the fact that the delay was only of one day cannot unfortunately for the appellant help him* (**A.B. vs Commissioner of Inland Revenue,** Każ Numru 85, Appell 05.03.1971 u **Joseph Camilleri *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell, 09.05.2007)."

F'dan il-każ, il-kliem tal-liġi huwa tassattiv u jimponi fuq il-persuna li tkun ġiet affettwata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, l-obbligu li din tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fi żmien għoxrin ġurnata minn meta din il-persuna tirċievi tali deċiżjoni. In-nuqqas li persuna tressaq azzjoni bħal din fit-terminu stipulat, ifisser li dik il-persuna titlef darba għal dejjem il-jedd li tressaq l-azzjoni tagħha quddiem it-Tribunal. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li din il-Qorti qiegħda tiċħad l-aggravji kollha sollevati mill-appellanti, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proceduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**